MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Numru 1115/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Caruana**
**V**

**RODERICK MALLIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RODERICK MALLIA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Ronald u Rita nee Cassar, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Frar 1982 u residenti 24, Grand Site B, Triq it-Tamar, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 139082M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fit-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2004 ghall-habta tat-tmienja neqsin ghoxrin ta' filghaxija fi Triq il-Qawra, holoq jew gieghel li donnu hemm fatti jew cirkostanzi sabiex dawn il-fatti jew cirkostanzi, jkunu jistghu 'l quddiem, jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ddenunzja lil Pulizija Ezekuttiv ret li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak r-reat kien sar;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persauna ohra, minn xi haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija u kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depositu neccessarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna rigwardanti l-kaz in dezamina liema process verbal jinsab esibit fl-atti a fol 18 et seq tal-atti odjerni kif wkoll process verbal iehor konness ma dawn r-reati wkoll redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna rigwardanti l-kaz in dezamina li jinsab esibit fl-atti a fol 25 et seq tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat stess, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara fid-seduta tal-24 ta’ Dicembru, 2004 li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u li r-rikavat u d-danni sofferti mill-vittma gew kollha rikuperati u jinsabu f'idejha.

Semghet lil partijiet jitolbu lil Qorti sabiex tordna li jithejja pre sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat.

Rat in-nota tas-Senior Probation Officer Mariella Camilleri esibita a fol 41 tal-atti fejn infurmat lil Qorti li Miriam Sevasta kienet giet nominata mid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex thejji l-imsemmi pre sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat odjern.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tnejn ta' Frar 2005 dehret l-Probation Officer Miriam Sevasta** li ppresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MS esibita a fol 42 et seq tal-atti.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li fil-fehma tal-Probation Officer f'dan il-kaz ghandha tigi kunsidrata sentenza fil-komunita u dan b'supervizzjoni sabiex l-imputat Roderick Mallia jaghraf jimxi fit-triq t-tajba u dan wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz b’mod partikolari illi l-imputat minhabba problemi familjari spicca biex ivvinta li saret hold-up fuq il-persuna tieghu minn zewg persuni armati b’sikkina li konsegwentement serqulu l-flus li kellu fuqu waqt il-hin tax-xoghol liema flus kienu tal-kumpanija. Illi l-istess imputat fil-fehema taghha irrealizza li zbalja bil-kbir u li dak li ghamel, ghamlu bil-hsieb li setgha jsolvi problema ohra pero’ sostniet illi l-vittma inghata lura l-flus li kienu gew misruqa lilu mill-imputat.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena s-segwenti:

1. Il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH as fol 7 tal-atti, liema fedina penali hija ndellibbli bla ebda tebgha ta' reat jew konravenzjoni registrata fuqha;
2. L-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 2004 esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 2 a fol 9 et seq tal-atti,

minn fejn jirrizulta l-kolloborazzjoni tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva;

3. Illi l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat f'dawn il-proceduri gew inizjati wara li l-istess imputat ikkolabroa bis-shih mal-Prosekuzzjoni;

4. Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena;

5. Il-fatt li r-res furtiva giet moghtija lura lid-derubat seduta stante nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004.

6. Li l-imputat iddispjacih bi kbir ghal dak li ghamel u fil-fatt ghalkemm ghamel tajjeb minnufih ghad-danni sofferti mill-vittma, huwa tilef l-impieg li huwa kellu u li tant kien ferhan bih.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi specjali fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat.
Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi ghandha tkun wahda ta' prigunerija sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 110 (1) (2) u 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat RODERICK MALLIA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ Probation ghall-perjodu massimu permezz mill-ligi ta tlett snin, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor u dan ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat ideali bhala Ufficjal tal-Probation biex jiehu hsieb il-hati probationer.**

**Tordna li l-imputat probationer jzomm kuntatt regolari mal-istess Ufficjal tal-Probation u jaghmel dak kollu li jigi ordnat li jaghmel minn din l-istess Ufficjal tal-Probation .**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------